

Brussell, 12 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7043/18

FIN 224
COMPET 149
IND 75
RECH 102

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6609/18 FIN 176 COMPET 116 IND 62 RECH 86	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Strumenti ta' garanzija fuq is-self iffinanzjati mill-UE: inkisbu riżultati pożittivi, iżda jeħtieġ orjentament akbar lejn il-benefiċjarji u koordinazzjoni aħjar mal-iskemi nazzjonali" (adottati fit-12/03/2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Strumenti ta' garanzija fuq is-self iffinanzjati mill-UE: inkisbu riżultati pożittivi, iżda jeħtieġ orjentament akbar lejn il-benefiċjarji u koordinazzjoni aħjar mal-iskemi nazzjonali" kif adottati mill-Kunsill fit-3604 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Marzu 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

**IR-RAPPORT SPEĊJALI NRU 20/2017 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI:
"STRUMENTI TA' GARANZIJA FUQ IS-SELF IFFINANZJATI MILL-UE:
INKISBU RIŻULTATI POŻITTIVI, IŻDA JEĦTIEĠ ORJENTAMENT AKBAR LEJN IL-
BENEFIĊJARJI U KOORDINAZZJONI AĦJAR MAL-ISKEMI NAZZJONALI"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

- FILWAQT LI JFAKKAR li l-Kunsill Ewropew qabel li jniedi "*pjan ta' investment*" ġdid, li minħabba l-importanza tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għall-ekonomija, speċjalment fir-rigward tal-ħolqien tax-xogħol u l-innovazzjoni, introduċa miżuri biex jappoġġaw il-finanzzjament tal-SME, b'mod partikolari biex jappoġġaw l-investimenti f'pajjiżi b'livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh¹;
- FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività ta' Mejju 2016, b'mod partikolari fil-paragrafu 10, li saħqu fuq l-importanza ekonomika tal-SMEs u l-mikrointrapriżi, speċjalment għall-ħolqien tax-xogħol²;
- FILWAQT LI JAGĦRAF li, bħala parti mill-programm ta' ħidma ta' Orizzont 2020 għall-2018-2020, ġie deċiż li jkun hemm proġett pilota ta' Kunsill Ewropew għall-Innovazzjoni, li kellu l-għan li jiġġenera innovazzjoni li toħloq is-suq li tikkontribwixxi għall-espansjoni rapida tal-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs;
- FILWAQT LI JAGĦRAF li, fl-2016, aktar minn 99 % tal-intrapriżi fl-UE kienu SMEs, li dawk il-kumpanniji impjegaw 93 miljun ruħ, li jfisser 67 % tal-impjiegi totali, u ġġeneraw 57 % ta' valur miżjud u 85 % tal-impjiegi l-ġodda kollha fis-settur tan-negozju mhux finanzjarju³;

¹ Dok. EUCO 104/2/13 REV 2.

² Dok. 9580/16.

³ Skont id-data tal-Eurostat.

- FILWAQT LI JINNOTA li l-SMEs jintlaqtu miċ-ċikli internazzjonali tan-negozju b'mod speċifiku u jistgħu jkunu fattur importanti kontra dan iċ-ċiklu;
 - FILWAQT LI JFAKKAR li, fl-2017, 17 %⁴ tal-SMEs tal-UE ma rnexxilhomx jiks bu kompletament self mitlub mill-bank, jew għax it-talba għal self ġiet miċħuda, jew inkella ġiet parzjalment aċċettata, u li l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self⁵ għandha l-għan li tappoġġa negozji iżgħar li jkunu qed jiffaċċaw diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament b'dejn u li l-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs⁶ għandha l-għan li tappoġġa lil SMEs b'potenzjal għoli għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni,
1. JILQA' r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 20/2017 intitolat *"Strumenti ta' garanzija fuq is-self iffinanzjati mill-UE: inkisbu riżultati pożittivi, iżda jeħtieġ orjentament akbar lejn il-benefiċjarji u koordinazzjoni aħjar mal-iskemi nazzjonali"*⁷;
 2. JISSOTTOLINJA li r-riżorsi mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi⁸ jżidu l-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-Faċilità ta' Garanzija ta' Self u l-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs b'EUR 0.55 biljun u EUR 0.88 biljun rispettivament;
 3. JINNOTA li l-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs u l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self jistgħu jsofru minn dgħufijiet, eż. diffikultajiet biex iżommu SMEs neqsin mill-aċċess għall-finanzjament fil-mira tagħhom; JIRRIKONOXXI li madankollu dawk l-istrumenti taw prova tar-riżultati konkreti tagħhom, fost l-oħrajn minħabba l-effett ta' ingranaġġ finanzjarju tagħhom, fit-trawwim ta' innovazzjoni b'riskju għoli, spiża oġġla tal-pagi u żieda fid-dħul għan-negozji;
 4. JISSOTTOLINJA li s-simplifikazzjoni u l-faċilità ta' aċċess huma importanti u li l-kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għall-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs u l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self għandhom xorta jippermettu l-użu ta' dawn l-istrumenti u b'hekk jappoġġaw il-ħolqien tax-xogħol, it-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni Ewropej;

⁴ Skont id-data tal-Kummissjoni Ewropea.

⁵ Regolament (UE) Nru 1287/2013.

⁶ Regolament (UE) Nru 1291/2013.

⁷ Dan ir-rapport speċjali huwa disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha fuq is-sit web tal-Qorti: <http://eca.europa.eu>.

⁸ Regolament (UE) Nru 2015/1017.

5. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, espressa fil-kuntest tar-rapport, li ttejjeb is-sistema ta' evalwazzjoni u l-valutazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' kwalunkwe nuqqas fis-suq, b'mod partikolari billi tqis programmi oħra tal-Unjoni, eż il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, u inizjattivi tal-Istati Membri, kif ukoll il-koordinazzjoni bejniethom, fost l-oħrajn permezz ta' valutazzjonijiet ex-ante, opinjonijiet esperti u tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjoni ex-post tal-effettività u l-impatt tal-istrumenti fuq l-innovazzjoni u r-riċerka b'potenzjal għoli għall-eċċellenza;
 6. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni Ewropea tqis ir-rapport speċjali Nru 20/2017 tal-Qorti tal-Awdituri u l-elementi ta' hawn fuq meta tipproponi programmi suċċessuri, u b'hekk tiżgura l-infurzar, mira aħjar u użu usa' mill-Istati Membri kollha ta' dawk l-istrumenti li huma partikolarment maħsuba għal negozji iżgħar.
-